# *KIF IL-BELT TAL-GZIRA KISBET L-ISTEMMA CIVIKA TAGHHA*




Kopja tal-Kuntratt

Illum it-tmienja u għoxrin ta' Frar tal-elf disa mija u sebgħin (1970)

Quddiemi Nutar Dottor Paul Pullucino u quddiem ix-xhieda hawn taħt iffirmati minni magħrufa u li għandhom il-kwalitajiet kollha li trid il-liġi, dehru personalment:-

Is-Sur Paul Borg, teacher, bin il-mejjet Robert, imwieled u joqgħod il-Gżira, li qed jidher fil-kariga tiegħu ta' President tal-Kumitat Ċiviku tal-Gżira;

Il-Baruni Kelinu Vella Haber, Civil Servant, bin il-mejjet Lucio, imwieled il-Qala, Għawdex u joqgħod il-Gżira li qed jidher fil-kariga tiegħu ta' Segretarju tal-Kumitat Ċiviku tal-Gżira;

Il-Wisq Reverendu Kanonku Joseph Theuma, bin il-mejjet Gaetano imwieled il-Marsa u joqgħod il-Gżira li qed jidher fil-kariga tiegħu ta' Kappillan tal-Gżira u rappreżen-

tant tal-kleru u l-Kunsill Parrokkjali fil-Kumitat Ċiviku tal-Gżira.

Minni Nutar magħrufa.

Minħabba li dawn it-tlett persunaġġi hawn fuq imsemmija jixtiequ jirreġistraw fl-Atti tiegħi il-ħames kapitoli li ġejjin, jiġifieri:- e

L-ewwel Kapitlu — billi fit-tmienja u għoxrin ta' Diċembru tas-sena elf disgħa mija u disgħa u sittin (1969) fil-Gżira f'Malta saret elezzjoni ġenerali ċivika li għaliha kien mistieden il-poplu kollu votant tal-Gżira u dak in-nhar u f'dik il-laqgħa ġie elett Kumitat Ċiviku għall-Gżira;

It-tieni Kapitlu — billi f'dik l-elezzjoni ġenerali ċivika, il-Baruni Kelinu Vella Haber, Cambellan ta' l-Altezza Rjali Tiegħu, il-Prinċep ta' Emmanuel Don Roberto it-Tieni, (II) Paterna' Ayerbe Aragona, ġei maħtur unanimament Segretarju ta' l-imsemmi Kumitat Ċiviku;

It-Tielet Kapitlu — billi fl-ewwel laqgħa ta' l-istess Kumitat Ċiviku li saret il-Ħadd erbgħa ta' Jannar tal-elf disgħa mija u sebgħin (1970), u li fiha ħadu sehem ħdax minn tlettax il-membru li jħaddan il-Kumitat Ċiviku, il-Baruni Kelinu Vella Haber fisser il-ħtieġa li l-Kumitat Ċiviku u l-Gżira jkollha stemma li sa dak in-nhar kien għad m'għandhomx u offra li huwa stess jitħabat biex jikseb l-istemma mid-Dar Irjali Aragoniża;

Ir-Raba' Kapitlu — billi l-imsemmi Kumitat Ċiviku fil-laqgħa msemmija fil-Kapitlu tlieta ta' hawn fuq, laqa' unanimament u b'entużjażmu kbir il-proposta u l-offerta tal-Baruni Kelinu Vella Haber;

Il-Ħames Kapitlu — billi fl-aħħarnett, fil-ħames jum ta' Frar ta' din is-sena 1970, jum Santa Agata Patruna tad-Dar Irjali Aragoniża u Patruna wkoll ta' Malta, l-Altezza Rjali Tiegħu, l-imsemmi Prinċep ta' Emmanuel, Don Roberto II Paterno' Ayerbe Aragona, Kap ta' l-Isem u ta' l-Arma tad-Dar Irjali Aragoniża, iffirma Dikriet li jinsab irreġistrat fl-Atti tad-Dar Irjali Aragoniża bin-numru elf mitejn u wieħed u ħamsin

(1251) R.G. u billi b'dan l-imsemmi Dekriet, l-istess Altezza Rjali Tiegħu ikkonċeda lil Kumitat Ċiviku u l-belt tal-Gżira f'Malta l-Istemma Ċivika li tinqara: "tad-deheb, b'erba' pali ħomor, maqsuma u fid-denb, b'delfin imsieħba fir-ras b'xini sewda bil-qlugħ miġbura u fid-denb għandha fuqha l-kuruna ċivika".

Għaldaqstant bis-saħħa ta' dan l-att, it-tlett komparenti tawni f'idejja d-Dekriet imsemmi biex nispezzjonah u jiena Nutar, spezzjonajtu u tawni wkoll f'idejja d-Dokument "A", li huwa kopja fotostatika ta' l-imsemmi Dekriet Irjali Aragoniż, komplut bil-fotostat ta' l-istess stemma ċivika msemmija sabiex jiena Nutar nittransuntah fl-atti tiegħi.

Għaldaqstant bis-saħħa ta' dan l-att jiena Nutar nittransunta l-imsemmi Dokument "A" fl-Atti tiegħi għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi.

Dan l-att ġie magħmul, moqri u ippublikat wara li jiena Nutar fissirtu lil komparenti skond il-Liġi f'Malta il-belt Valletta numru mitejn u sitta u għoxrin (226) Triq il-Merkanti, fil-preżenza tax-xhieda is-Sur Anthony Theuma, skrivan, bin il-mejjet Spiridione, joqgħod il-Gżira u s-Sinjorina Mary Rose Calafato, bint xebba ta' Joseph, toqgħod tas-Sliema.

(iffirmati) Can. J. Theuma
" Paul Borg
" K. Vella Haber
" M.R. Calafato
" A. Theuma
" Paul Pullicino,
Nutar Publiku,
Malta.

Preżentazzjoni tad-Dekriet Irjali
u l-Arma Ċivika.

9 TA' MARZU 1970

Id-Dekriet Irjali Aragoniż li jikkonferi l-Arma Ċivika lil belt tal-Gżira ġie ippreżentat lill-Kumitat Ċiviku tal-Gżira,

fil-preżenza ta' ġurnalisti u mistednin fil-Kennedy Hotel, il-Gżira, nhar it-Tnejn, 9 ta' Marzu, 1970. Il-preżentazzjoni wettaqha l-Konti de Valldemosa Charles Roy MacKinnon of Dunakin, Laird ta' Skye, li ġie mibgħut apposta bħala Emissarju ta' l-A.R.T. Don Roberto II Paterno' Ayerbe Aragona biex jagħmel din il-preżentazzjoni.

## 11 TA' LULJU, 1970

Fil-11 ta' Lulju 1970 ġie ċelebrat għall-ewwel darba JUM-IL-GŻIRA u dak in-nhar id-Dekriet Irjali u l-Arma Ċivika msemmija ġew ippreżentati uffiċjalment lil Poplu tal-Gżira f'ċerimonja publika fuq iz-zuntier tal-knisja. Il-Wisq Nobbli Konti Kenneth B. Benfield de Palmanova ġie apposta minn Coventry bħala Emissarju Speċjali ta' l-A.R.T. Don Roberto II.

## UNUR REĊIPROKU

Billi jingħad li m'hemmx ħaġa agħar minn meta xi ħadd ma japprezzax l-unur li jiġi mogħti, il-belt tal-Gżira qatgħetha li biex turi l-apprezzament tagħha għall-konferiment ta' l-Arma Ċivika, tonura lill-A.R.T. Don Roberto II billi fil-11 ta' Lulju, 1970, l-Ewwel Jum-il-Gżira ħatritu Ċittadin ta' l-Unur ta' l-Ogħla Grad. Id-Diploma tal-konferiment ta' din iċ-Ċittadinanza hekk singolari, ġiet iffirmata mill-membri tal-Kumitat Ċiviku, kif ukoll minn Delegati li għażlu apposta għal dan ix-xogħol l-Għaqdiet Kostitwiti tal-belt tal-Gżira u fl-aħħarnett minn Membri tal-Pubbliku. Il-Baruni Benfield de Palmanova, laqa' d-Diploma f'isem l-A.R.T. Don Roberto II Patern Ayerbe Aragona.

## TBISSIMA OĦRA

Biex l-A.R.T. jitbissem mill-ġdid lill-Gżira, ħareġ Dekriet li bih ikkonferixxa fuq kull President tal-Kunsill Ċiviku tal-belt tal-Gżira, dment li jdum President, l-Insinji ta' Kavalier Gran Kruċ ta' l-Ordni Militari tal-Kullar ta' Sant Agata u b'hekk ġie mwettaq aktarx l-ikbar episodju storiku li jżejjen sal-lum lil belt għażiża tagħna — IL-GŻIRA.